A.L. 247 tal-2011

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2011 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Kontijiet tat-Taxxa (Taxxa fuq l-*Income*)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 2 u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regoli li ġejjin:

Titolu u applikabbiltà.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli tal-2011 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Kontijiet tat-Taxxa (Taxxa fuq l-*Income*), u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar il-Kontijiet tat-Taxxa (Taxxa fuq l-*Income*), hawn iżjed 'il quddiem msejħa "ir-regoli prinċipali". L.S. 123.101.

(2) Dawn ir-regoli għandhom ikunu applikabbli mis-sena ta' stima 2012 'il quddiem.

Jemenda r-regola 3 tar-regoli prinċipali.

2. Ir-regola 3 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) profitti wara t-taxxa li jirriżultaw minn *income* li dwaru tkun tħallset it-taxxa skont id-disposizzjonijiet dwar l-*income* minn investiment, u fejn dak l-*income* minn investiment huwa dak imsemmi fl-artikolu 41(a)(viii)(2), (3), (4) u (5) tal-Att dak l-*income* għandu jiġi allokat għall-kont tat-taxxa finali tal-kumpannija biss meta dik l-kumpannija tkun attwalment irċeviet dak l-*income*;"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (e) tagħha, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ee) il-qligħ jew profitti taxxabbli skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 23 tal-Att.".

Jemenda r-regola 5 tar-regoli prinċipali.

3. Ir-regola 5 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) is-subregola (2) tagħha għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala l-paragrafu (a) tas-subregola (2) u minnufih wara

għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) l-ammont ta' *income* taxxabbli wara t-taxxa li jirriżulta minn kull profitt jew qligħ li dwarhom il-kumpannija tkun għamlet l-għażla skont ir-regola 9.";

(b) is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (b) tas-subregola (3) tagħha għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "bir-rata ta' 5% skond il-partita 1" għandhom jidħlu l-kliem "bir-rata stabbilita skont il-partita 1"; u

(ii) minflok il-kliem "il-bejgħ Vatabbli bil-5%" kull fejn jinsabu fl-msemmi subparagrafu, għandhom jidħlu l-kliem "il-bejgħ Vatabbli";

(ċ) minnufih wara s-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (b) tas-subregola (3) tagħha, għandu jiżdied dan is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(iii) l-ammont ta' *income* taxxabbli wara t-taxxa li jirriżulta minn profitti miksuba direttament minn, u mhux sempliċement mill-utilizzazzjoni ta', servizzi provduti permezz tal-użu ta' *cables,* fili, pajpijiet u kull materjal, strument jew apparat, fejn dak il-*cable*, fil, pajp, materjal, strument jew apparat ikun anness ma' fond jew installat fl-art permanenti biex jibqa' inkorporat hemmhekk. Għall-fini ta' dan is-subparagrafu, il-provvista ta' servizzi għandha tinkludi l-provvista ta' elettriku, enerġija, gass, karburant, ilma, servizzi tat-telefon, infrastrutturi tat-telekomunikazzjoni, servizzi ta' komunikazzjoni elettroniċi, *networks* ta' komunikazzjoni elettroniċi, faċilitajiet u servizzi relatati, *data* u televiżjoni;";

(d) fil-paragrafu (d) tas-subregola (3) tagħha, minflok il-kliem "il-bejgħ Vatabbli bil 5%" għandhom jidħlu l-kliem "il-bejgħ Vatabbli";

(e) fil-proviso tas-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (e) tas-subregola (3) tagħha, minflok il-kliem "li għal din ir-raġuni ma setax jiġi allokat għandu jiżdied ma' l-ammont li għandu jiġi allokat għas-sena ta' wara" għandhom jiġu sostitwiti l-kliem "li għal din ir-raġuni ma setax jiġi allokat għandu, sakemm ma jkunx allokat għall-kont ta' proprjetà immobbli ta' kumpannija jew kumpanniji relatati skont is-subregola (7), għandu jiżdied mal-ammont li għandu jiġi allokat għas-sena ta' wara";

(f) fil-paragrafu (h) tas-subregola (3) tagħha, minflok il-kliem "b'sittin euro (€60) kull sena:" għandhom jiġu sostitwiti l-kliem "b'mitejn u ħamsin euro (€250) kull sena:" u minflok il-kliem "li għal din ir-raġuni ma setax jiġi allokat għandu jiżdied ma' l-ammont li għandu jiġi allokat għas-sena li tiġi wara" għandhom jiġu sostitwiti l-kliem "li għal din ir-raġuni ma setax jiġi allokat għandu, sakemm ma jkunx allokat għall-kont ta' proprjetà immobbli ta' kumpannija jew kumpanniji relatati skont is-subregola (7), għandu jiżdied mal-ammont li għandu jiġi allokat għas-sena ta' wara";

(g) minnufih wara s-subregola (6) tagħha, għandhom jiżdiedu dawn is-subregoli li ġejjin:

"(7) (a) Fejn, skont id-disposizzjonijiet tas-subregola (3)(e) u (h), l-allokazzjoni ta' profitti skont l-imsemmija paragrafi ma tkunx tista' ssir għal xi sena minħabba f'li ma jkunx hemm profitti biżżejjed li jkunu ġew intaxxati, jew ma tkunx tista' ssir bħala riżultat tal-għażla meħuda mill-kumpannija skont ir-regola 9, l-ammont li għandu jiġi allokat għall-kont ta' proprjetà immobbli skont l-imsemmija paragrafi, li għal din ir-raġuni ma setax jiġi hekk allokat jew mhux hekk allokat, għandu jiġi allokat għall-kont ta' proprjetà immobbli ta' kumpannija relatata. Għall-fini ta' din is-subregola, kumpannija relatata teskludi kumpannija li tkun għamlet l-għażla skont ir-regola 9:

Iżda l-ammont allokat għall-kont ta' proprjetà immobbli tal-kumpannija relatata m'għandux jaqbeż l-ammont ta' profitti li jistgħu jitqassmu miksub mill-kumpannija relatata, li kieku kienu, jekk ma tingħatax konsiderazzjoni għad-disposizzjonijiet ta' din is-subregola, jiġu allokati għall-kont intaxxat f'Malta u għall-kont ta' *income* barrani.

(b) Għall-finijiet ta' allokazzjoni ta' profitti għall-kont ta' proprjetà immobbli ta' kumpannija relatata skont din is-subregola, l-allokazzjoni ta' profitti għall-kontijiet tat-taxxa tal-kumpannija relatata għandu jsir l-ewwel nett, mingħajr ma tingħata konsiderazzjoni għal din is-subregola, u wara hekk l-ammonti li għandhom jiġu allokati għall-kont ta' proprjetà immobbli skont din is-subregola għandhom ikunu trasferiti mill-ammont ta' profitti li jistgħu jitqassmu miksub mill-kumpannija relatata fil-perjodu ta' ikkontjar li jispiċċa fis-sena ta' qabel is-sena ta' stima 2012 u s-snin ta' stima ta' wara li

kienu jkunu, mingħajr ma tingħata konsiderazzjoni għad-disposizzjonijiet ta' din is-subregola, allokati għall-kont intaxxat f'Malta u l-kont ta' *income* barrani; u għal dan il-għan dan l-ammont għandu l-ewwelnett ikun trasferit minn ammonti li kieku kienu jkunu allokati għall-kont intaxxat f'Malta u wara minn ammonti li kieku kienu jkunu allokati għall-kont ta' *income* barrani.

(ċ) Meta l-kumpannija msemmija fil-paragrafu (a) tkun relatata ma' iżjed minn kumpannija waħda, l-ammont li għandu jiġi allokat skont din is-subregola għandu l-ewwelnett jiġi allokat mill-kumpannija relatata li fiha l-kumpannija *parent*, kif imfissra fis-subregola (9)(a) jkollha l-ogħla ammont ta' profitti li jistgħu jitqassmu miksuba fil-perjodu ta' ikkontjar rispettiv allokat għall-kont intaxxat f'Malta u l-kont ta' *income* barrani, u kull bilanċ tal-ammont li ma jiġix hekk allokat mill-imsemmija kumpannija relatata għandu imbagħad jiġi allokat mill-kumpannija relatata li fiha l-kumpannija *parent* jkollha t-tieni l-ogħla ammont ta' profitti li jistgħu jitqassmu miksuba fil-perjodu ta' ikkontjar rispettiv allokat għall-kont intaxxat f'Malta u l-kont ta' *income* barrani, u hekk għall-bqija:

Iżda, sabiex jiġi determinat liema hi l-kumpannija relatata li fiha l-kumpannija *parent* jkollha l-ogħla ammont ta' profitti li jistgħu jitqassmu miksuba fil-perjodu ta' ikkontjar rispettiv allokat għall-kont intaxxat f'Malta u l-kont ta' *income* barrani kif meħtieġ swkont it-termini ta' din is-subregola, il-kumpannija *parent* għandha, hi stess, tikkostitwixxi waħda mill-kumpanniji relatati li bihom għandha ssir allokazzjoni skont il-paragrafu (a) u, sabiex tiġi determinata l-ġerarkija bil-mod kif preskritt hawn minnufih qabel, il-kumpannija *parent* għandha titqies li tkun mija fil-mija benefiċjarja tal-ammont ta' profitti li jistgħu jitqassmu miksuba fil-perjodu ta' ikkontjar rispettiv allokat għall-kont intaxxat f'Malta u l-kont ta' *income* barrani tal-kumpannija *parent*.

(d) Meta id-data tal-prospett tat-taxxa, kif stabbilit bl-artikolu 10 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, tal-kumpannija msemmija fil-paragrafu (a) tkun iżjed tard mid-data tal-prospett tat-taxxa tal-kumpannija relatata, l-ammont li għandu jiġi allokat għall-kont ta' proprjetà immobbli tal-kumpannija relatata skont l-imsemmi paragrafu għandu jiġi trasferit mill-ammont ta' profitti li jistgħu jitqassmu miksub mill-kumpannija

relatata fil-perjodu ta' ikkontjar li jispiċċa fis-sena ta' qabel is-sena ta' stima li tiġi minnufih wara s-sena ta' stima tal-kumpannija msemmija fl-imsemmi paragrafu.

(e) Dividendi riċevuti minn kumpannija reġistrata f'Malta m'għandhomx jitqiesu għall-finijiet tal-allokazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) u sabiex issir id-determinazzjoni ġerarkika meħtieġa skont il-paragrafu (ċ) u l-frażi 'profitti li jitqassmu' għandha, matul din is-subregola, tinqara u tinftiehem skont hekk.

(8) (a) Meta, fis-sena ta' qabel is-sena ta' stima 2012 u fis-snin ta' stima li jiġu wara, kumpannija tikseb profitti li jkunu jikkonsistu f'imgħax, *royalties,* drittijiet jew xi konsiderazzjoni oħra tkun kif tkun deskritta (hawn iżjed 'il quddiem kollettivament imsejħa 'il-korrispettiv') miksuba mill-għoti ta' self jew xi tip ieħor ta' kreditu jew mill-provvista ta' servizzi lil kumpannija relatata jew mill-użu minn kumpannija relatata ta' attiv tanġibbli jew intanġibbli, il-kumpannija li tikseb dawn il-profitti għandha tkun meħtieġa li talloka lill-kont ta' proprjetà immobbli ammont li jiġi stabbilit skont il-formola li ġejja:

Y = A – (B+C)

Fejn -

(i) 'Y' tirrappreżenta l-ammont li għandu jiġi stabbilit;

(ii) 'A' huwa l-ammont ta' profitti wara t-taxxa għas-sena li kienu ser jiġu allokati lill-kont ta' proprjetà immobbli tal-kumpannija relatata mingħajr ma jittieħed kont tal-konsiderazzjoni mħallsa jew li għandha titħallas u mingħajr ma tingħata konsiderazzjoni għall-ammonti li mhumiex allokati lill-kont ta' proprjetà immobbli fis-sena ta' qabel li huma meħtieġa li jiżdiedu mal-ammont li għandu jiġi allokat għal dik is-sena in kwistjoni;

(iii) 'B' huwa l-ammont ta' profitti wara t-taxxa għas-sena li jiġu attwalment allokati lill-kont ta' proprjetà immobbli tal-kumpannija relatata mingħajr ma tingħata konsiderazzjoni għall-ammonti mhux allokati lill-kont ta' proprjetà immobbli fis-sena ta' qabel, li huma meħtieġa li jiżdiedu mal-ammont li għandu jiġi allokat għal dik is-sena in kwistjoni;

(iv) 'C' huwa l-ammont ta' profitti wara t-taxxa miksub mill-imsemmi korrispettiv li jiġi allokat għall-kont ta' proprjetà immobbli tal-kumpannija, mingħajr ma tingħata konsiderazzjoni għall-ammonti mhux allokati lill-kont ta' proprjetà immobbli fis-sena ta' qabel, li huma meħtieġa li jiżdiedu mal-ammont li għandu jiġi allokat għal dik is-sena inkwistjoni:

Iżda li d-disposizzjonijiet ta' din is-subregola m'għandhomx japplikaw jekk l-kumpannija li tikseb dawn il-profitti tkun għamlet l-għażla skont ir-regola 9.

(b) Meta l-allokazzjoni tal-profitti skont il-paragrafu (a) ma tkunx tista' ssir għal xi sena minħabba f'li ma jkunx hemm profitti biżżejjed li jkunu ġew intaxxati, l-ammont li għandu jiġi allokat għall-kont ta' proprjetà immobbli skont din is-subregola, jew parti minnu, li għal din ir-raġuni ma setax jiġi hekk allokat, għandu jiżdied mal-ammont li għandu jiġi allokat għas-sena ta' wara u jitqies li hu parti minn dak l-ammont, jew jekk ma jkunx hemm ammont bħal dak dwar dik is-sena, jitqies li huwa l-ammont allokat għal dik is-sena u jibqa' sejjer hekk għas-snin ta' wara;

(ċ) Għall-finijiet ta' allokazzjoni ta' profitti għall-kont ta' proprjetà immobbli skont din is-subregola, l-allokazzjoni ta' profitti għall-kontijiet tat-taxxa għandu jsir l-ewwelnett, mingħajr ma tingħata konsiderazzjoni għad-disposizzjonijiet ta' din is-subregola, u wara hekk l-ammonti li għandhom jiġu allokati għall-kont ta' proprjetà immobbli skont din is-subregola għandhom ikunu trasferiti mill-ammont ta' profitti li jistgħu jitqassmu miksub fil-perjodu rispettiv ta' ikkontjar u li kieku kienu jkunu, mingħajr ma tingħata konsiderazzjoni għad-disposizzjonijiet ta' din is-subregola, allokati għall-kont intaxxat f'Malta u l-kont ta' *income* barrani; u għal dan il-għan dan l-ammont għandu l-ewwelnett ikun trasferit minn ammonti li kieku kienu jkunu allokati għall-kont intaxxat f'Malta u wara minn ammonti li kieku kienu jkunu allokati għall-kont ta' *income* barrani;

(d) L-ammont li ma jkunx jista' jiġi allokat għall-kont ta' proprjetà immobbli skont din is-subregola minħabba f'li ma jkunx hemm profitti biżżejjed li jkunu ġew intaxxati għandu jkun l-ammont li ma jistax jiġi allokat għall-kont ta' proprjetà immobbli skont il-proċedura stabbilita fil-paragrafu (b).

(9) (a) Għall-finijiet tas-subregola (7), kumpannija għandha titqies li hi relatata ma' kumpannija oħra jekk matul is-

sena li tiġi qabel is-sena ta' stima jew f'xi parti minnha, iż-żewġ kompanniji huma:

(i) residenti f'Malta; u

(ii) waħda minnhom hi kumpannija sussidjarja tal-kumpannija l-oħra jew iż-żewġ kumpanniji huma kumpanniji sussidjarji ta' kumpannija terza, li tkun residenti f'Malta.

Għall-finijiet ta' din is-subregola, kumpannija titqies li tkun kumpannija sussidjarja ta' kumpannija oħra, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "il-kumpannija *parent*":

(i) jekk u sakemm aktar minn 25% tal-kapital azzjonarju ordinarju tagħha u aktar minn 25% tad-drittijiet għall-vot tagħha jappartjenu direttament jew indirettament lill-kumpannija *parent*; jew

(ii) il-kumpannija *parent* hi benefiċjarja, direttament jew indirettament, għal aktar minn 25% tal-profitti li jistgħu jitqassmu lill-azzjonisti ordinarji tal-kumpannija sussidjarja; jew

(iii) il-kumpannija *parent* tkun intitolata kemm direttament jew indirettament għal aktar minn 25% ta' kull attiv tal-kumpannija sussidjarja li jkun disponibbli għad-distribuzzjoni lill-azzjonijiet ordinarji tagħha f'każ ta' stralċ tal-kumpannija.

Il-Kummissarju jista', fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu, iqis li kumpannija tkun relatata ma' kumpannija oħra meta, fl-opinjoni tiegħu, ir-relazzjoni bejn iż-żewġ kumpanniji tkun ġiet strutturata bil-għan uniku u prinċipali li jigu evitati d-dispożizzjonijiet tas-subregola (7).

(b) Għall-finijiet tas-subregola (8), kumpannija titqies li hi relatata ma' kumpannija oħra jekk:

(i) iż-żewġ kumpanniji huma, direttament jew indirettament, kkontrollati jew proprjetà benefiċjarja sa limitu ta' iktar minn ħamsa u għoxrin fil-mija tal-istess persuni; jew

(ii) kumpannija waħda tkun tikkontrolla, direttament jew indirettament, iktar minn ħamsa u

għoxrin fil-mija tas-sehem kapital ordinarju jew drittijet ta' vot tal-kumpannija l-oħra.".

Jemenda r-regola 6 tar-regoli prinċipali.

4. Fil-paragrafu (b) tas-subregola (2) tar-regola 6 tar-regoli prinċipali, minflok il-kliem "sittin euro (€60) kull metru kwadru kull sena" għandhom jiġu sostitwiti l-kliem "mitejn u ħamsin euro (€250) kull metru kwadru kull sena".

Żieda tar-regola ġdida 9 mar-regoli prinċipali.

5. Minnufih wara r-regola 8 tar-regoli prinċipali, għandha tiżdied din ir-regola ġdida li ġejja:

"Għażla magħmula minn kumpannija.

9. (a) Minkejja d-disposizzjonijiet mniżżla fit-tifsiriet "Kont ta' *Income* Barrani" u "Kont Intaxxat f'Malta" fl-artikolu 2 tal-Att, iżda mingħajr ħsara għal kull obbligu li jiġu allokati l-profitti lill-kont tat-taxxa finali u lill-kont ta' proprjetà immobbli, kumpannija tista' tagħżel illi l-profitti jew qligħ miksuba fid-data tal-għażla jew wara, li kienu jkunu, skont it-tifsira t'hawn fuq, mistennija li jiġu allokati għall-Kont ta' *income* barrani u għall-kont intaxxat f'Malta mhux ser jiġu hekk allokati:

Iżda dik l-għażla kif imsemmija qabel tista' ssir biss permezz ta' avviż f'dik il-forma li l-Kummissarju jista' jeħtieġ, u liema avviż għandu jindika aċċettazzjoni mid-diretturi kollha tal-kumpannija jew mis-segretarju tal-kumpannija meta dik l-għażla tkun ġiet approvata mill-bord tad-diretturi tal-kumpannija:

Iżda wkoll meta dik l-għażla kif msemmija qabel tkun saret, għandha tapplika wkoll għas-snin li jiġu wara u ma tistax f'xi żmien tiġi rinunzjata sakemm, meta hekk meħtieġ, il-Kummissarju ma jagħtix il-permess tiegħu bil-miktub u meta jagħti dak il-permess il-Kummissarju jista' jimponi dawk il-kondizzjonijiet kif hu jqis xieraq u raġonevoli, u meta l-kumpannija li tkun talbet l-permess biex tirrinunzja l-għażla taċċetta l-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Kummissarju, dawk l-kondizzjonijiet għandhom ikun operattivi minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dawn ir-regoli u tal-Att:

Iżda wkoll li, meta dik l-għażla kif imsemmija qabel tkun saret, il-profitti jew qligħ miksuba mill-kumpannija li jkunu ġew allokati għall-Kont ta' *income* barrani u għall-kont intaxxat f'Malta, li, fid-data effettiva tal-għażla, ma jkunux ġew mqassma, għandhom jiġu allokati għall-kont ta' proprjetà immobbli.

(b) Meta kumpannija tagħmel l-għażla skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (a), id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (e) u (h) tar-regola 5(3) għandhom, bla ħsara għall-ħtieġa li jiġu allokati l-profitti għal kumpannija relatata skont ir-regola 5(7), ma japplikawx għal dik il-kumpannija.

(ċ) Dik l-għażla, li ssir kif imsemmi qabel, għandha tkun effettiva mill-ewwel jum tas-sena finanzjarja tal-kumpannija li tagħmel l-għażla, li tiġi qabel is-sena finanzjarja li fiha ssir l-għażla, u dik l-għażla għandha tapplika għall-profitti jew l-qligħ kollu msemmi fil-paragrafu (a) miksuba mill-kumpannija matul dik is-sena finanzjarja li tiġi qabel u s-snin ta' wara.".